**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 18 TA' JANNAR, 2002**

**Avviz Nru: 205/01 AJD**

**AIC Joseph Jaccarini**

**vs**

**Miriam Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Marzu, 2001, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm125.12) rapprezentanti drittijiet ghall-servizzi professjonali, VAT inkluza.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:-

1. Illi preliminarjament, l-avviz odjern hu wiehed irritu u ghalhekk null u bla effett, stante illi l-konvenuta mhijiex il-legittima kontradittrici, u dan ghaliex hija qatt ma ddelegat lill-attur jaghmlilha xi xoghol;

2. Illi in ogni kaz, il-konvenuta qatt ma rceviet il-frott tas-servizzi professjonali li l-attur allegatament irrenda stante illi hi qatt ma rceviet xoghol, pjanti jew stimi ta' kwalunkwe tip;

3. Illi ghaldaqstant, it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-

attur.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Connie Attard u ta' Antoine Attard.

Ikkunsidra:

1) Illi l-ammont mitlub mill-attur jirrigwarda drittijiet ghall-servizzji professjonali rezi mill-attur lill-konvenuta konsistenti f'valutazzjoni tal-fond propjeta' tal-konvenuta liema valutazzjoni kienet mehtiega ghal skopijiet ta' successjoni.

2) L-attur xehed li huwa gie nkarigat jaghmel din il-valutazzjoni minn Antoune Attard, in-neputi tal-konvenuta. Dan Attard talbu wkoll jaghmel valutazzjoni ta' fond iehor propjeta' ta' Connie Attard. Huwa kien tah struzzjonijiet sabiex jibghat il-kontijiet relattivi direttamet lill-konvenuta u lil Connie Attard rispettivament. L-attur qatt ma kkomunika direttament mal-konvenuta izda qal li din tal-ahhar kienet prezenti meta huwa mar jispezjona l-fond u hija accettatu f'darha. Il-valutazzjoni ntbaghtet direttament lill-konvenuta u din qatt ma giet ritornata lura lill-attur. L-attur kien akkompanjat minn Connie Attard meta mar ghand il-konvenuta.

3) Ix-xhieda tal-attur hija kkorroborata kemm minn Connie Attard kif ukoll minn Antoine Attard. Dan l-ahhar xhud spjega li l-valutazzjonojiet tal-fondi ta' Connie Attard u l-konvenuta kienu necessarji sabiex issir il-'causa mortis' li kienet tirrigwarda l-wirt ta' Mary Attard u d-decizjoni li jitqabbad l-attur sabiex jaghmel il-valutazzjonijiet necessarji ttiehdet waqt laqgha bejn il-familjari ghall-liema laqgha kienet prezenti l-konvenuta. F'din il-laqgha kien sar ukoll fteheim dwar kif u min kellu jhallas ghal dawn il-valutazzjonijiet u kien gie miftiehem secifikatament li l-kont tal-perit li jirrigwarda l-istima tad-data tal-konvenuta kellu jithallas minnha.

4) Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha il-konvenuta teccepixxi li m'hijiex il-legittima kontradittrici stante li hija ma nkarigatx lill-attur jaghmel l-istima. Mill-fatti hawn fuq esposti jirrizulta li l-konvenuta kienet prezenti meta saret l-ispezzjoni tal-fond; hija inghatat spjegazzjoni dwar dak li kien qed isir minghand l-attur waqt li huwa kien qed jehu l-kejl necessarju u inoltre kienet prezenti ghall-laqgha bejn l-eredi fejn gie miftiehem li jitqabbad l-attur sabiex jaghmel il-valutazzjonijiet necessarji kif ukoll dwar min kellu jhallas ghal tali valutazzjonijiet. Jidher ghalhekk li l-attur intavola l-azzjoni odjerna korrettement fis-sens li jirrizulta li l-konvenuta hija l-legittima kontradittrici. L-ewwel eccezzzjoni sollevata mill-konvenuta qed tigi ghalhekk michuda.

5) Illi fit-tieni eccezzjoni l-konvenuta issostni li hija qatt ma rceviet il-frott tas-servizzji professjonali rezi mill-attur. Kif diga' ntqal aktar il-fuq, jirrizulta ampjament mill-provi prodotti li l-attur acceda fil-fond tal-konvenuta, ha l-kelj necessarju, prepara l-valutazzjoni liema valutazzjoni ntbaghtet lill-konvenuta. Ix-xhud Antoine Attard effettivament ikkonferma li din il-valutazzjoni ntuzat sabiex issir il-'causa mortis' ta' Mary Attard. Jidher ghalhekk li hemm ukoll lok sabiex din it-tieni eccezzjoni tigi michuda.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm125.12).

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**